Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 58/2017**

Il-Pulizija

vs

**Robert Caruana**

Illum, 11 ta' Lulju, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Robert Caruana, iben Carmelo, imwieled Pieta' fid-9 ta' Ottubru, 1968, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 418568(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il- Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' 1-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha la ' l-istess Att, waqt spezzjoni la ' sorpriza li sehhet fts-7 ta' Frar 2016, waqt il-karnival ftl-belt Valletta, jew int jew impjegat tieghek jew xi pesuna ohra li tkun tagixxi ghan-nom tieghek, xjentement irrilaxxajt ricevuta fiskali mhux korretta u/jew qarrieqa f'xi rigward materjal ghal-bejgh ta' provvista skond il-kumpens lilek imhallas, u dan billi ndikajt dik il-provista bhala wahda ezenti minjlok taxxabli, u dan bi ksur tal-partita

1 u 2 tat-tlettax il-skeda li tinsab ma l-Att ta' 1-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(f) u 82 ta' l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta' Frar, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 51 77(f) u 82 kif ukoll il-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda tal-kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' tmien mitt ewro (€800).

Rat ir-rikors tal-appellanti Robert Caruana minnu pprezentat fid-9 ta' Frar, 2017
fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, tirrevoka u thassar is-
sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikaturi Kriminali tal-1
ta' Frar 2017, in sabitu hati u ikkundannatu ghal hlas tal-multa ta' tminn mitt ewro,
u tilliberah minn kull piena u htija.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju huwa riferibilment ghal-htija in segwitu ta' dak dikjarat mill-ispetturi tal-VAT li skont huma kellu jzomm 18% VAT fuq il-qubbajt billi din l-asserzjoni hija wahda gratwita u zbaljata fil-ligi.

2. Illi l-bejgh tal-qubbajd, flimkien ma kull prodott iehor pre packed mill-bejjieh manifattur huwa ezenti taht is-subinciz (Hi) tas-subincis (2) tar-regolament 2 tal-hames partita tal-iskeda 5, tal-Kap 406 tal-ligijiet ta' Malta li tiffissa il-VAT ghall-ike1li tghid testwalment hekk:

(iii) biscuits, cakes, confectionery and similar items but excluding those sealed in a package by the manufacturer and supplied in that original sealed package and those items which individually weigh 500 grams or more;

Illi l-istess prodotti huma eskluzi bis-subinciz (g) tal-artikolu 1 tal-istess partita 5 fejn huma eskluzi l-prodotti li fit- TARIC huma klassifikati bin-numri

704.10.11.00; 1704.10.19; 1704.10.91; 1704.10.99; 1704.90.10; 1704.90.55; 1704.90.61; 1704.90.65; 1704.90.71; 1704.90.75 u 1704.90.81

Illi ghalkemm il-kelma qubbajd ma tinstab imkien, fit-TARIC, din hija inkluza taht prodotti tal-helu (sugar products) li jibdew bin-numri 1704.90.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Rat ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.

Rat ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.

Illi **Paul Scicluna**, legal officer tad- dipartiment tal- VAT xehed quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll diversi drabi quddiem din il-Qorti u kkonferma li a fol. 6 ta l-atti hemm ittra iffirmata mill-Kummissarju tal-VAT mahruga fil-konfront tal-appellant. Qal li dan il-kaz u bbazat fuq biegh ta qubbajt u affarijiet tal-café li gew ppuncjati bhala ezenti mill-VAT. Qal li pero' fost l-affarijiet li nbieghu kien hemm il-qubbajd li jattira rata ta 5% waqt li l-kumplament tal-items bhal café jattiraw rata ta' 18%. Qal li fit-tmien skeda hemm lista tal-oggetti li huma soggetti ghall- hlas ta' 5% VAT .

Qal li fil-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta hemm taqsima intitolata bhala 'Ezenzjonijiet' fejn hemm lista tal-kodici tal-items li huma ezenti.
F'dan il-kaz qed nitklemu fuq zewg items dik ta' l-ikel u item iehor tal- qubbajt li tattira n-numru tal-Kodici li jibda 704.

Spjega li kull prodott li jigi manifatturat hawn Malta ghandu HS code li huma 8 digit number. Dan in-numru jidderigik jekk hemmx VAT fuq dak i-prodott jew le. Pero' dak in-numru ma jinbidel qatt. Fil-fatt jghid li hija norma li hafna nies hafna bejjiegha tal-qubbajt jittrattaw il-qubbajt bhala ezenti pero' fir-realta legalment huwa taxxabli b'5%. Qal li vera il-qubbajt jaqa' 'taht sealed packages' pero huwa soggett ghat-tifsira fil-parti hamsa li tghidlek li qubbajt jaqa' taht HS code bil-5%. Kull ma jaqa' taht HS code ma hux ezenti ghalhekk ikollok l-eskluzjoni tal-inkluzjoni .

Mistoqsi fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2018 jekk hux konxju mill-fatt li l-imputat kien jipprezenta r-returns tieghu kull tlett xhur kif obbligat bil-ligi u dan min mindu bdiet tithaddem is-sistema tal-VAT fis-sena 1995 u dan dejjem b'exempt jghid li dak mhux id-dipartiment tieghu. Huwa jahdem fi-sezzjoni legali biss.

Nhar id-19 ta' Gunju 2018 ix-xhud pperzenta it-tax returns kif mitlub mid-difiza. Spjega li d-denunzji dejjem gew accettati pero' l- Kummisarju ghandu s-setgha imbaghad li jivverifikahom u jekk ma jaqbilx ghandu dritt li johrog assessment. Jidher li sa issa qatt ma gew assessjati u dejjem gew accettati

**Rudolph Fenech** xehed quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti. Spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta' Spettur tal-VAT. Qal li fis-7 ta' Frar, 2016 gie msitoqsi jghamel spezzjoni f'diversi lokalitajiet fosthom il- Belt u dan meta kien il-karnival. Mar fi stall partikolari u kellmu lil Justin Caruana u dan wara li innota li kien qed ibiegh xi pastini u li kien qed johrog ricevuti pero' imbaghad meta hadu l- X reading innutaw li

kien kollox ippancjat bl-exempt biz-zero 'O' mentri li dawn l-affarijiet kienu soggetti ghal hlas ta' VAT. Ifisser li l-oggetti li kienu qed jinbieghu ma kienux qed jigu intaxxati. Fost l-affarijiet li ra kien hemm pastini u qubbajt.
Mistoqsi jekk kellimx lill-akkuzat dak il-hin u staqsih ghal xi spjegazzjoni ghaliex kien qed jippuncjhom hekk jghid li ma ghamel xejn minn dan kien biss meta raw l-X reading li induanw b'dak li kien qed isisr

**Lourdes Briffa** xehdet quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti u kkonfermat li hija tokkupa l-kariga ta' VAT inspector u kkonfermat li nhar is-7 ta' Frar 2016 kienet ghamlet xi spezzjonijiet flimkien ma Rudolph Fenech f'xi stalls il-Belt Valletta. Qalet li fuq dan l-istall kienu qed jbieghu pastini tac-cukkulata u qubbajt u nnotaw certu biegh ghaddej u meta talbuh l- X reading innutaw li kien qed jippancja kollox bl-exempt. Jigifieri exempt mill-hlas ta' VAT. Mistoqsija jekk talbux lill-appellant ghal xi spjegazzjoni tghid li iva pero ma tiftakarx x'kien qalilha .

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2019.

Ikkunsidrat,

Illi in breve ma hux kontestat li l-appellant kien qed ibiegh il-qubbajt nhar is-7 ta' Frar, 2016 mill-istall tieghu il-Belt Valletta u li kien qed jippuncja '0' li jfisser exempt ghat-taxxa meta skond il-prosekuzzjoni il-biegh tal qubbajd huwa taxxabbli bil-5%. Ghalhekk l-esercizzji li trid taghmel din il-Qorti hu li tara jekk l-biegh tal-qubbajt ghandux jigi intaxxat bil-5% jew jekk hux ezenti mill-hlas tal VAT.

**Kunsiderazzjoni legali**

Skond il-ligi u appuntu l-artikolu 51 tal-kap 406 tal-ligijiet ta' Malta:-

"51.*Kull persuna li tagħmel xi provvista, ħlief għal provvista eżenti bla kreditu jew ħlief għal provvista li dwarha hija meħtieġa li tinħareġ fattura ta' taxxa skont l-artikolu 50, għandha tipprovdi lill-persuna li lilha ssir il-provvista fattura, riċevuta jew document ieħor li għandu jinħareġ fil-forma u b'dak il-mod u għandu jkun fih dawk il-partikolaritajiet kif murija fit-Tlettax-il Skeda*".

Ghalhekk jirrizulta bic-car li kul persuna li taghmel xi provvista salv l-ezenzjoni ghandha tohrog fattura ta taxxa li għandu jkun fiha dawk il-partikolaritajiet kif murija fit-Tlettax-il Skeda

Skond it-tlettax-il skeda ghandu jkun hemm riċevuta li tinħareġ minn cash register fiskali u dan skond l-artikolu 3(1) ta l-istess skeda li jipprovdi s-segwenti:-

3. (1) "*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-partiti 4, 5, 6 u 7 ta' din l-Iskeda, riċevuta fiskali li tinħareġ minn persuna li tkun bejjiegħa bl-imnut* ***jew li n-negozju tagħha jinkludi provvisti ta' ikel*** *imsemmija fil-partita 2 tat-Taqsima Ħamsa tal-Ħames Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha tinħareġ permezz ta' cash register fiskali:*

*iżda għar-rigward ta' xi provvista li ssir minn dik il-persuna f'xi żmien li matulu hija ma tkunx tista' għal raġuni valida, toħroġ riċevuta fiskali permezz ta'cash register fiskali, hija għandha toħroġ riċevuta fiskali f'għamla li tiġi provdutamill-Kummissarju":*

Illi taht din l-iskeda Hamsa fit-tieni Taqsima insibu s-segwenti b'referenza ghal materja in desamina ta' qubbajt u cioe:

*2. (1) "Il-provvista ta' ikel fil-kors ta' catering" tfisser ikel li jkun tajjeb għall-konsum immedjat, sew jekk dak l-ikel jiġi kkunsmat fil-post fejn ikun provdut sewjekk le, li jkun jikkonsisti fi –*
*(a) ikliet jew snacks;*
*(b)milkshake, tè, kafe jew ċikkulata provduti f'għamla likwida;*

*(ċ) ġelat jew prodotti li jkun fihom il-ġelat barra minn family packs;*

*(d) jogurt jew prodotti simili.*

*(2) Għall-finijiet tal-paragrafu (1) ta' din il-partita:(a) "ikliet jew snacks" tfisser u tinkludi:*

a. *i. ikliet sħan jew kesħin inklużi antipasto u deżerta;*

*ii. sandwiches, toast, chips tal-patata, sausage rolls, pizza, pastizzi,qassatat u snacks simili;*

*iii. gallettini, kejkijiet, ħelu u oġġetti simili, iżda esklużi dawk siġillati f'pakketti mill-manifattur u provduti f'dak il-pakkettsiġillat oriġinali, u dawk l-oġġetti li kull wieħed waħdu jiżen 500gramma jew aktar;*

b *family packs" tfisser ġelati li jkunu jikkonsistu f'komponent wieħed lijkun jiżen 350 gramma jew aktar;*

c. *ikel provdut skont il-partita 9 tat-Taqsima Wieħed ta' din l-Iskeda, fejn dan l-ikel ikun servut għal konsum fl-istess stabbiliment minnkwalunkwe persuna, ikun ikkunsidrat bħala provvista ta' ikel fil-korstal-catering.*

M'hemmx dubbju li l-qubbajt jaqa' taht id- deskrizzjoni tas-sub incizi 2 (a) (iii) tal-iskeda Hamsa fit-tieni Taqsima

Issa jinghad li l- HS code tal- qubbajt huwa 1704 u jinsab taht id- deskrizzjoni " *Pastes, marzipan, nougat* u jkopri "*Pastes, marzipan, nougat and other prepared sugar confectionery, not containing cocoa (excl. chewing gum, white chocolate, throat pastilles and cough drops, gum and jelly confectionery incl. fruit pastes in the form of sugar confectionery, boiled sweets, toffees, caramels and similar sweets, compressed tablets, and pastes incl. marzipan in immediate packings"*

Skond l-artikolu 19(2) tat-Tmien Skeda r-rata tat-taxxa fuq dak deskritt taht l-intestatura rata ta' taxa fl-artikolu 3 u cioe is-segwenti, ghandhom taxxa tal- VAT ta 5%

3. "*Ħelu u oġġetti oħra li jittiekluL-oġġetti li jidhru taħt il-kodiċi NM tat-Tariffa Dogana li Komuni*:

(a) 1207.30.90 u 1207.99.91;

(b) 1302.11.00; 1302.14.00; 1302.19.05; 1302.19.30; 1302.19.91; 1302.19.98; 1302.20.10 u 1302.20.90;

(ċ) 1503.00.19; 1517.90.93; 1520.00.00 u 1522.00.10;

(d) 1702.90.10; 1704.10.11; 1704.10.19; 1704.10.91;1704.10.99; 1704.90.10; 1704.90.55; 1704.90.61;1704.90.65; 1704.90.71; 1704.90.75 u 1704.90.81;

(e) 2006.00.10 u 2009;

(f)family packs kif definiti fil-partita 2(b) tat-TaqsimaĦamsa tal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att taħt il-kodiċiNM 2105.00.10; 2105.00.91 u 2105.00.99;(g) 2501.00.10;(h) 3302.10.21."

Konsegwentement jirrizulta bic-car li l-appellant kellu ihallas ir-rata ta' taxxa ta' VAT fuq l-qubbajt fl-ammont ta' 5%

Ghalhekk din il-Qort qieghda tichad l-appel tal-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata in toto kemm fir- rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal- piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur